# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**Imhallef:**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D**

**Illum, sbatax (17) ta' Gunju, 2002.**

**Citaz. Nru. 883/95 VDG**

**P S[1], mart Anthony Sammut f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedhom minuri ** u *, ahwa S, u dana b'digriet tat-12 ta' Dicembru, 1995.**

**v.**

**A S.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fl-4 ta' Lulju, 1995 li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta fil-15 ta' Settembru, 1984 u miz-zwieg taghhom kellhom zewt itfal, u cioe` ** u *, ahwa S li ghadhom minorenni;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti kienet saret impossibbli minhabba sevizzi, minacci u ingurji gravi kommessi kontriha u kontra uliedhom da parti ta' l-istess zewgha, kif ukoll l-istess hajja konjugali kienet tkissret irrevokabbilment;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-attrici kienet talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f'din l-istanza ghas-separazzjoni

[1] B'ordni tal-Qorti moghti fis-17 ta' Gunju, 2002, mil-versjoni tas-sentenza li qed tidher fuq il-Website tal-Ministeru tal-Gustizzja thallew barra l-ismijiet tal-partijiet, l-ismijiet tal-minuri u l-indirizz tad-dar matruimonjali.

personali u dana skond digriet moghti minn dik il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 1994[2] li kopja tieghu kienet giet annessa, u kif ipprorogat sussegwentement (Dokti. A u B);

Premess dan kollu, l-attrici talbet lill-konvenut jghid ghala din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi S, minhabba sevizzi, minacci u ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici u kontra uliedhom, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment;
2. tafda l-kura u l-kustodja tal-imsemmija ulied minuri ** u *, ahwa S, lill-attrici salv kull kondizzjoni li din il-Qorti jidhrilha xieraq fl-ahjar interess tal-ulied;
3. tikkundanna lill-imsemmi konvenut li jhallas lill-attrici, ghaliha u ghall-ulied minuri msemmija, dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda regolari sabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ffissati mill-Qorti;
4. tapplika kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili, *in toto* jew *in parte*;
5. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapresenta l-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
6. tikkundanna lill-konvenut li jikkonsenja lill-attrici il-beni parafernali u dotali taghha;
7. tawtorizza lill-attrici sabiex tkompli tabita fid-dar matrimonjali, li hija parafernali ghaliha, li ggib in-numru ##, flimkien mal-ulied minuri, ahwa S, ad eskluzzjoni tal-konvenut (Dok. C);

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond Awla, tal-proceduri inkorsi a tenur tal-Artikolu 875A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u tal-ittri legali tad-9 ta' Dicembru, 1994 u tal-15 ta' Marzu, 1995, kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici (fol. 3 u 4); rat l-ewwel nota tal-eccezzjonijiet presentata mill-konvenut A S fid-19 ta' Dicembru, 1995, li tghid hekk:

"Illi l-talba attrici ghas-separazzjoni personali m'ghandhiex tigi accettata ghar-ragunijiet migjuba mill-attrici, izda ghas-semplici raguni li l-attrici, minghajr raguni valida, ma tridx li zzomm il-familja maghquda u ghalhekk qed tirrendi l-hajja konjugali difficli hafna;

"Illi t-talba attrici ghall-kura u l-kustodja tat-tfal ma hix opposta fil-principju, izda l-atteggjament tal-attrci fil-konfront tat-tifel huwa dubbjuz hafna, u ghandu jigi serjament ikkunsidrat kemm huwa fl-interess tat-tifel li l-attrici tigi fdata bil-kura u l-kustodja tieghu, u f'kull kaz basta l-eccipjent ikollu access hieles u ragjonevoli ghall-istess tfal;

[2] Fic-citazzjoni d-data hija moghtija bhala "1984", pero` dan huwa evidentement *lapsus calami* kif jidher mill-kopja tad-digriet tas-Sekond Awla ezibit a fol. 5 tal-atti.

“Illi t-talba attrici ghall-hlas ta’ manteniment hija opposta fir-rigward ta’ l-attrici, li ghandha l-professjoni ta’ ghalliema, u ghandha dhul konsiderevoli mix-xoghol taghha regolari u permanenti;

“Illi t-talba attrici ghall-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili hija infondata;

“Illi l-eccipjenti ma jopponix li l-partijiet ma jibqghux jghixu taht saqaf wiehed la darba l-attrici tinsisti li ma tridx tkompli fil-hajja konjugali, izda ghar-rigward tas-seba’ talba attrici, stante li d-dar matrimonjali nru. ##, u l-garage adjacenti huma facilment divizibbli f’zewg fondi ghall-abitazzjoni, l-ecceipjent jissottometti li l-attrici tinghata l-fond principali li jigi segregat mill-fond sekondarju li jigi allokat lill-eccipjent;

“Illi stante l-karenza ta’ gustifikazzjoni ghall-insistenza tal-attrici, l-ecceipjent m’ghandux jigi akkollat l-ispejjez pretizi mill-attrici”;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut (fol. 19 u 20); rat it-tieni nota ta’ eccezzjonijiet, presentata mill-konvenut bil-visto tal-avukata difensura tal-attrici fit-2 ta’ April, 1996, li tghid hekk:

“Illi ghalkemm da parti tieghu huwa ma tax lok ghas-separazzjoni minn ma’ l-attrici, jifhem li l-firda hija inevitabbli stante l-insistenza ta’ l-attrici li ma tridx tkompli bil-hajja konjugali, u ghaldaqstant l-ewwel talba attrici ghandha tintlaqa’ biss fis-sens li s-separazzjoni hija tort tal-attrici u mhux ghar-ragunijiet imputabbli lilu;

“Illi ghall-istess ragunijiet premessi, ir-raba’ talba attrici hija infondata u m’ghandhiex tintlaqa’;

“Illi stante li l-attrici hija responsabbli ghall-firda, u anke peress li l-attrici ghandha l-hila li tahdem u fil-fatt qed tahdem u ghalhekk ghandha mezzi finanzjarji ghall-ghixien taghha, it-tielet talba attrici ghandha biss tintlaqa’ fir-rigward tat-tfal minuri tal-partijiet;

“Illi huwa ma jopponix il-hames u s-sitt talbiet attrici;

“Illi huwa jaccetta li fid-dar konjugali jkomplu jabitaw l-attrici u t-tfal minuri izda s-seba’ talba attrici m’ghandhiex tintlaqa’ hlief fis-sens li l-konvenut ikollu dritt jabita fil-garage adjacenti ghad-dar *de quo*, jissegrega l-bitha tal-garage mill-istess dar, itella’ tarag intern fil-garage ghall-ambjenti ta’ fuq il-garage, jissegrega l-ambjenti ta’ fuq il-garage mir-rimanenti tad-dar, u itella’ tarag intern mill-ambjenti ta’ fuq il-garage ghall-bejt, u jissegrega l-bejt ta’ l-ambjenti ta’ fuq il-garage mir-rimanenti tal-bejt ta’ l-istess dar, u dana stante c-cirkostanzi li taw lok ghas-separazzjoni, u stante l-fatt li l-konvenut bena huwa stess u a spejjez tieghu l-istess dar u garage;

“Illi t-talba li l-ispejjez gudizzjarji ikunu a kariku esklussiv tal-eccipjent hija infondata; b’riserva ta’ eccezzjonijiet ohra”;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata akkompanjanti din it-tieni nota (fol. 29-31); rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi r-rappport tas-*social workers* Gino Galea u Yvonne Cammilleri ippresentat fit-18 ta’ Marzu, 1996, id-digriet tal-20 ta’ Marzu, 1996 li permezz tieghu din il-Qorti ordnat lill-konvenut li, *pendente lite*, johrog mid-dar matrmonjali (##) sabiex fl-istess dar jibqghu jabitaw biss

(dejjem *pendente lite*) l-attrici u uliedha, u d-digriet dwar access u modalita` ta' access tad-9 ta' Ottubru, 1996 (fol. 52) kif in segwitu modifikat bid-digriet tal-11 ta' April, 1997 (fol. 67);

Ezaminat id-deposizzjonijiet moghtija quddiemha, kif ukoll dawk moghtija quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dott. Emmanuel Buttigieg; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

1. Il-Qorti qabel xejn tippreciza li din il-kawza damet hafna biex tigi deciza peress li l-partijiet – pero` l-aktar il-konvenut – damu hafna biex iressqu l-provi taghhom quddiem l-Assistent Gudizzjarju. Bizzejjed jinghad li wara li l-konvenut xehed quddiem l-Assistent Gudizzjarju fid-19 ta' Settembru, 2000 gew iffissati mill-istess Assistent Gudizzjarju mhux anqas minn sitt seduti ohra (17/1/01, 21/3/01, 16/5/01, 8/6/01, 19/9/01 u 9/10/01) pero` l-konvenut baqa', bla ebda raguni valida, ma ressaq ebda provi ohra. Kien ghalhekk li fl-udjenza tal-14 ta' Dicembru, 2001 din il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju li jikkonsenja lura l-process u d-deposizzjonijiet li kien gabar, u l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni ghall-Hamis, 7 ta' Frar, 2002, u in segwitu ghas-sentenza.
2. Mill-kumpless tal-provi, u senjatament mill-affidavit ta' l-attrici (fol. 41) u d-deposizzjoni taghha tas-16 ta' Jannar, 1996 (fol. 18 sa 20 fil-volum tar-rikorsi), kif korroborata mir-rapport tas-*social workers* aktar 'l fuq imsemmi, mill-affidavit ta' ommha (fol. 50), mill-affidavit ta' huha (fol. 113) u mid-deposizzjoni ta' l-Ispettur Sylvana Agius moghtija quddiem l-Assistant Gudizzjarju fit-23 ta' Settembru, 1999, ma hemmx dubbju li l-konvenut, kwazi sa mill-bidu taz-zwieg, kien beda jittratta lil martu b'mod mhux xieraq. Huwa kien jaghmel xenati kif appena jirritorna d-dar, specjalment meta kien ikun fis-sakra, u kien hemm okkazzjonijiet fejn huwa sawwatha, heddida u anke kisser affarijiet gewwa d-dar. Xi whud minn dawn l-affarijiet sehhew anke fil-presenza tat-tfal li, dak iz-zmien naturalment, kienu zghar hafna. Ghalkemm fil-bidu taz-zwieg huwa kien beda jibni (pero` fuq art li hija proprjeta` parafernali) id-dar taz-zwieg, wara ftit abbanduna kollox u d-dar baqghet mhux kompluta. Huwa spicca jaghmel hafna dejn li ghalih kellha taghmel tajjeb kemm martu kif ukoll, in parti, membri tal-familja taghha. Ghandu jigi osservat li l-konvenut huwa bennej, u li kieku kien ragel bil-ghaqal, responsabbli u jinteressah mill-familja, f'periodu ta' hdax-il sena kien jibni l-post komplut kollu u jkollu dar ta' nies bhal haddiehor. Bhala bennej huwa seta' jiffranka parti sostanzjali mill-hlas tax-xoghol ta' l-idejn, li, kif inhu maghruf, hija l-akbar spiza involuta fil-bini u li tissupera bil-bosta l-prezz tal-materjal. Kif osservaw is-*social workers* Gino Galea u Yvonne Camilleri fir-rapport taghhom tas-16 ta' Marzu, 1996 (ippresentat fit-18 ta' Marzu, 1996): *"The house is not in complete construction. The upper floor is still in shell form. There are no doors except for the bathroom door, which can be locked from the inside. The blind on the window facing the yard is not enough for privacy…There is no privacy for any of the family. The living area is good enough for the needs of the family, but there is no space for privacy"*.

3. Cirkostanza gravissima f'dan il-kaz li tammonta kemm ghal mohqrija kif ukoll ghal ingurja gravi hija dik li tirrizulta kemm mill-affidavit tal-attrici kif ukoll mir-rapport tas-*social workers* aktar 'l fuq imsemmija, u cioe` l-abbuz sesswali da parti tal-konvenut fil-konfront ta' ibnu, dak iz-zmien ta' appena sitt snin. Ghalkemm jista' jaghti l-kaz li din kienet okkazzjoni ta' darba wahda biss – probabbilment minhabba l-intervent tempestiv kemm tal-attrici kif ukoll tac-*Child Protection Services Unit* (Gattard House, Blata l-Bajda) – dan il-fatt, anke wahdu biss, jaghti lok li tigi ppronunzjata s-separazzjoni.
4. Ghalhekk jirrisultaw ragunijiet validissimi ghala din il-Qorti ghandha tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut.
5. Kwantu ghat-tieni talba attrici, ma hemmx dubbju f'mohh din il-Qorti li t-tfal ghandhom jibqghu fil-kura u l-kustodja ta' l-omm, kif effettivament ilhom matul din il-kawza. Jirrisulta, infatti, li minn mindu din il-Qorti, bid-digriet taghha aktar 'l fuq imsemmi, ordnat li l-konvenut ma jibqax jghix *pendente lite* fid-dar matrimonjali, it-tfal bdew jikkalmaw u x'aktarx bdew jinsew, bil-mod il-mod, il-mumenti koroh li kienu ghaddew minnhom (ara l-affidavit tal-attrici, paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar).
6. L-attrici kienet u ghadha tahdem bhala ghalliema *part-time* fi skola privata. Ma ingabet ebda prova tal-*income* tal-konvenut, u ghalhekk ghal dak li hu manteniment din il-Qorti ser timxi fuq dak li gie deciz mis-Sekond Awla, b'dan pero` li, ghal dak li jirrigwarda l-manteniment ghaz-zewgt itfal, dan ser jizdied in vista ta' fatt li llum il-htigijiet taghhom ma ghadhomx ta' tfal zghar kif kienu meta inghata d-digriet mill-imsemmija Sekond Awla.
7. Id-dar konjugali – ## – hija proprjeta` parafernali. L-art (dak iz-zmien b'dar antika fuqha) kienet giet akkwistata mill-attrici meta kienet ghadha xebba b'titolu ta' enfitewsi perpetwa b'kuntratt tal-14 ta' Jannar, 1984 fl-atti tan-Nutar Dott. Jeanette Laferla Saliba – ara Dok. C, fol. 10. Il-fatt li d-dar li kien hemm twaqqghet qabel iz-zwieg mill-konvenut u hu beda jibni d-dar il-gdida (bil-garage adjacenti maghha) u l-fatt li dana l-bini tkompla anke wara z-zwieg, ma jdahhalx id-dar fil-komunjoni ta' l-akkwisti (Art. 323, Kodici Civili). Tax-xoghol li l-konvenut seta' ghamel fuq din l-art huwa ghandu biss dritt ta' kumpens fil-konfront ta' martu, pero` tali kumpens ma jaqax fil-mertu ta' din il-kawza.
8. Kwantu ghall-proprjeta` mobbli, ma jirrizultax mill-atti li hemm xi flejjes f'xi banek li ghandhom in komun bejn il-kontendenti. Jirrizulta biss dejn ta' erbat elef lira (Lm4,000) a kariku tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-flus huma dovuti lil hu l-attrici u martu (ara d-deposizzjoni ta' Emmanuel Rizzo tal-20 ta' Marzu, 2000, quddiem l-Assistant Gudizzjarju). Jirrizulta mill-provi li jidhlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti is-segwenti proprjeta` mobbli (i) sett tal-banju, (ii) *kitchen cupboards* (t-isfel), (iii) sett tal-kcina, (iv) *cooker*, (v) *fridge*, (vi) *washing machine* u (vii) *television*. Peress li ma ngabu ebda ricevuti jew dokumenti ohra relattivi sabiex jigu stabbiliti l-valuri ta' dawn l-oggetti, din il-Qorti ser tillikwidahom *arbitro boni viri* billi tassenja s-sett tal-banju, il-*kitchen cupborads* t-isfel, il-*washing machine* u l-*fridge* lill-attrici, filwaqt li tassenja s-sett tal-kcina, il-*cooker* u t-*television* lill-konvenut.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. tilqa' l-ewwel talba attrici, u konsegwentement tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti skond l-Artikolu 35(1) tal-Kodici Civili u dan minhabba sevizzi, minacci u ingurji gravi tal-konvenut versu martu kif ukoll versu uliedhom;
2. tilqa' t-tieni talba attrici, u konsegwentement tafda l-kura l-kustodja tat-tfal tal-kontendenti – ** u * – lill-attrici, salv id-dritt ta' access tal-konvenut skond kif provvdut bid-digriet tal-11 ta' April, 1997, u cioe` kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn l-4.00 pm u l-5.30 pm, u nhar ta' Erbgha bejn it-3.30 pm u l-5.00 pm, liema access ghandu jsir fid-dar "San Guzepp", Hospital Square, Zebbug (immexxija mis-Sorijiet Frangiskani); u salv kwalsiasi modifika fil-modalitajiet ta' dan l-access li din il-Qorti jew is-Sekond Awla tal-Qorti Civili tista' talvolta tordna fl-interess tal-minuri;
3. tilqa' t-tielet talba attrici, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaz-zewg ulied minuri s-somma ta' hamsin lira (Lm50) fil-gimgha, pagabbli bil-quddiem fir-residenza tal-istess attrici;
4. tilqa' r-raba' talba attrici, u konsegwentement tiddikjara li l-konvenut tilef (i) il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili, (ii) dak kollu li kiseb minghad l-attrici b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu, (iii) kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti li saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici wara l-1 ta' Gunju, 1993, u (iv) il-jedd li jgieghel lill-attrici, f'kull kaz, li taghtih il-manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg;
5. tilqa' l-hames talba attrici, u konsegwentement tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tispicca mill-jum li fih din is-sentenza tkun finali u konkluziva u, bla pregudizzju ghad-divizzjoni (permezz ta' gudizzju separat) ta' proprjeta` ohra li talvolta tista' tirrisulta li kienet tifforma parti minn din il-komunjoni ta' l-akkwisti, tassenja (a) is-sett tal-banju, il-*kitchen cupborads* t'isfel, il-*washing machine* u l-*fridge* lill-attrici, filwaqt li tassenja (b) is-sett tal-kcina, il-*cooker* u t-*television* lill-konvenut;
6. tilqa' s-sitt talba attrici, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jikkonsenja lill-attrici il-beni parafernali u dotali taghha; u
7. tilqa' s-seba' talba attrici, u konsegwentement b'applikazzjoni tal-Artikolu 55A(1) tal-Kodici Civili, tawtorizza lill-attrici sabiex tkompli tabita fid-dar matrimonjali, u cioe` f'numru ## flimkien ma' uliedha, u ad eskluzzjoni mill-istess dar tal-konvenut.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk inkorsi quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.